MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 1047/2013

**C & H Bartoli Limited (C383)**

**vs**

**Map Trading Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' C & H Bartoli Limited li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà konvenuta hija debitrici tas-socjetà attrici fl-ammont ta' EURO32,785.76 (tnejn u tletin elf, seba' mija hamsa u tmenin Ewro u sitta u sebghin centezmi) rapprezentanti ammont dovut lis-socjetà rikorrenti wara bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Ghalkemm interpellati sabiex ihallsu l-ammont dovut l-konvenuti ma hallsux l-ammont dovut.

Dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut s-socjetà konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba sa fejn jaf l-esponent.

L-esponent jaf dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta li thallas lis-socjetà rikorrenti EURO32,785.76 rapprezentanti ammont dovut wara bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kontra l-intimata u bl-imghax legali kontra l-intimata li hi minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

B'riserva ghal azzjoni ohra s-socjetà konvenuta in konnessjoni ma' danni inkorsi biex jitnaddfu l-merkanzija maqbuda mill-marixxalli tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' April 2014 fejn is-socjetà ntimata nghatat ghoxrin gurnata ghat-twegiba.

Rat ir-risposta guramentata ta' MAP Trading Limited li in forza taghha gie eccepit illi:

In linea preliminari, l-intempestività tal-azzjoni attrici, stante illi fil-21 ta' Ottubru 2013 il-partijiet kienu waslu ghal ftehim illi parti mill-merkanzija mibjugha tigi mibjugha lil terza persuna illi kienet lesta tixtri, b'dan illi r-rikavat ta' EUR18,000 kellu jmur dirett lis-socjetà attrici bil-bilanc ta' EUR15,000 li kellu jithallas fuq numru ta' xhur; però, l-ghada u cioé, 22 ta' Ottubru 2013, gie esegwit Mandat ta' Qbid (Nru: 1614/13) u gie elevat prattikament kull oggett mobbli li kien jinsab fil-fond gestit mis-socjetà intimata b'dan illi ma setax jopera aktar.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt kif ukoll fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjetà attrici, u dana stante illi hija s-socjetà attrici illi ghandha taghti lis-socjetà intimata u dana in linea ta' danni kkagunati minhabba l-agir abbuziv u sproporzjonat, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-

kawza, u dan, b'referenza ghall-Artikoli 1030 sa 1031 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'riserva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lis-socjetà konvenuta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet lil Alan Bartoli jixhed viva voce.

Rat li s-socjetà intimata ma ressqet ebda prova, minkejja li nghatat diversi opportunitajiet ghal dan l-iskop.

Jirrizulta mid-dokumenti pprezentati u x-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjetà rikorrenti illi l-ammont ta' €32,785.76 huwa tassew dovut u ghalhekk it-talba tal-istess socjetà jisthoqqilha li tintlaqa'.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' C & H Bartoli Limited u tikkundanna lil MAP Trading Limited thallas lil C & H Bartoli Limited is-somma ta' €32,785.76 (tnejn u tletin elf, seba' mija hamsa u tmenin Ewro u sitta u sebghin centezmi), bl-ispejjez, imghaxijiet u rizervi kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn MAP Trading Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------